MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 282/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-18 ta’ Awwissu, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-13 ta’ Mejju 1993 u minn dan iz-zwieg twieldet tifla X; u

Illi ghal dan iz-zwieg il-konvenuta tat il-kunsens taghha ghall-

kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal att taz-zwieg, izda ghamlet dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

Illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghha jew b'anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddecidi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta pprezentata fl-1 ta' Settembru, 2005 li permezz taghha eccepiet;

1. Illi fl-ewwel lok kunjom l-eccipjenti hu "XXX" u mhux "YYY" stante li fil-kuntratt ta' separazzjoni personali ffirmat mill-kontendenti fis-17 ta' Frar 2004 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, l-eccipjenti rrivertiet ghal kunjom xbubitha u cioe' "XXX", u ghalhekk trid issir il-korrezzjoni relattiva fl-okkju tac-citazzjoni.

2. Illi fit-tieni lok l-eccipjenti taqbel li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) huwa null u bla effett skond il-ligi, mhux ghar-ragunijiet imsemmija mill-attur,

izda unikament billi l-kunsens tal-attur ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u kif ukoll billi l-kunsens tieghu kien vizzjat peress li nkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u billi hu kien ibati minn anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

3. Illi ma hux minnu li l-eccipjenti tat il-kunsens taghha ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, kif ukoll lanqas huwa minnu li hi kkuntrattat iz-zwieg b'xi skop qarrieqi jew li l-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew li hi qatt batiet minn xi anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi ghaldaqstant l-eccipjenti m'ghandiex tbati l-ispejjez ta' din l-istanza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta' l-attur, tal-konvenuta u omississ.

Rat il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-assistent gudizzjarju.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' April, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-13 ta' Mejju, 1993 a bazi ta' l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuta taqbel li z-zwieg ghandu jkun dikjarat null izda ghal ragunijiet imputabbli lill-attur.

Kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F' materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni, imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli citati mill-attur jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi porti ikun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Mill-provi mressqa jidher li l-partijiet jaghtu versjonijiet differenti kompletament tal-karattri ta' xulxin. Waqt li l-attur iwahhal kontinwament fil-konvenuta, din taghmel l-istess haga fil-konfront tieghu. Skond l-attur il-konvenuta ma kinitx adattata ghaz-zwieg u kellha diversi relazzjonijiet

anke fiz-zmien l-gherusija, fil-waqt li skond il-konvenuta, l-attur ma kienx adattat ghaz-zwieg ghaliex kien jiddependi l-hin kollu fuq il-genituri tieghu biex jiehu decizjoni, specjalment fuq ommu.

Fir-rigward tal-allegazzjonijiet tal-attur, dawn gew kategorikament michuda mill-konvenuta u fil-verita' l-Qorti ma tistax taccetta tali allegazzjonijiet daqshekk leggerment. Wiehed jistenna iktar provi konkreti u mhux li joqghod jistrieh fuq l-allegazzjoni tal-attur, ladarba dawn huma michuda b'mod daqshekk kategoriku.

Il-problemi fiz-zwieg jidher li qamu wara izda huma ndikazzjoni li wiehed iktar ghandu jaghti kaz ta' dak li tghid il-konvenuta milli haga ohra. Madankollu l-Qorti thoss li dan iz-zwieg kien mill-bidu kif jghidu l-inglizi *a non-starter* u l-partijiet it-tnejn kellhom il-problemi taghhom probabilment accentwati ukoll mill-fatt li l-familji rispettivi, specjalment tal-attur qatt ma jidher li kienu kuntenti bl-ghazla ta' uliedhom. Ghalhekk hu ragonevoli li wiehed jikkonkludi li z-zwieg huwa null a tenur tas-sub-artikolu 1 (d) fuq imsemmi.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fil-13 ta' Mejju, 1993. L-ispejjes ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------